# ĦSIBIJIET TA' QABEL IL-BAĠIT



EDWARD SCICLUNA / Ministru għall-Finanzi




Din il-ġimgħa kellna laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni dwar il-baġit mas-sieħba soċjali kollha, inkluż is-soċjetà ċivili u imprendituri ewlenin li joperaw minn dawn il-gżejjer.

Preżenti wkoll kien hemm l-ogħla uffiċjali ta' organizzazzjonijiet governattivi u entitajiet regolatorji u ta' sorveljanza. Il-preżenza ta' dawn l-uffiċjali hija ferm importanti biex, b'mod dirett, niddiskuti mas-settur privat u s-soċjetà ċivili, is-settur li huwa il-mutur ewlieni li jixpruna t-tkabbir ekonomiku.

Fil-ftuħ ta' din il-laqgħa, jien infurmajt lil dawk kollha preżenti bl-andament ta' kif sejra l-ekonomija Maltija. B'mod partikolari, semmejt, kif it-tkabbir ekonomiku għadu għaddej b'ritmu qawwi ħafna – tant li fit-tieni kwart ta' din is-sena, it-tkabbir ekonomiku ssupera anki t-tkabbir ekonomiku li kien irreġistrat tul l-ewwel kwart ta' din is-sena.

Dan ir-riżultat ipoġġina f'qagħda feliċi fejn, b'mod trankwill, iħallina niffukaw biex nidentifikaw f'liema oqsma nistgħu nkomplu ntejbu l-prestazzjoni tagħha ħalli nkomplu ntejbu u nkomplu fuq l-istess ritmu ta' tkabbir ekonomiku, u b'hekk intejbu l-livell tal-ħajja ta' poplu Malti u Għawdxi kollu.

Hawn niġi biex insemmi l-prijoritajiet tal-Gvern biex jara li dan il-ġid li qegħdin jirnexxilna niksbu, igawdi minnu, kull individwu u dawk il-persuni li qegħdin 'l isfel fis-soċjetà, b'dan it-tqassim tal-ġid, jirnexxilu jitla' aktar 'il fuq.

L-istatistika li tiġi ppubblikata b'mod regolari, hija l-kejl tal-Gvern li tindikalu jekk il-policies li jkun ħa, hux qed jirnexxilhom jilħqu l-għan għalxiex ikunu ttieħdu.

L-istatistika tal-Eurostat hija ferm inkoraġġanti, fejn din qed turina li l-perċentaġġ tan-numru tal-familji li rrapportat fil-passat li huma neqsin minn ċerti affarijiet essenzjali biex wieħed jgħix ħajja 'l bogħod mill-faqar, qed dejjem jonqos.

Dan ifisser li llum, aktar familji jistgħu jaffordjaw li jixtru jew jiksbu dawn l-affarijiet meqjusa essenzjali biex familja tgħix ħajja aħjar.

Bħal dan l-indikatur, hemm indikaturi oħra. Nerġa nisħaq, li għall-Gvern, dawn l-indikaturi huma importanti għax huma l-kejl li jindikawlu li l-ġid li qed jinħoloq, qiegħed jilħaq is-saffi kollha tas-soċjetà u b'mod speċjali li dan il-ġid qed jilħaq lil dawn il-persuni l-aktar li għandhom bżonn.

Wieħed ma jridx jalludi ruħu u jaħseb li kulħadd irnexxielu joħroġ minn dan il-labirint. Xejn minn dan. Li qed ngħid huwa, li kull sena, tul dawn l-aħħar snin, irnexxielna nnaqqsu l-persuni u familji li qegħdin f'din is-sitwazzjoni ta' deprivazzjoni minn 20 fil-mija għal 8 fil-mija. Hawnhekk qiegħed is-suċċess ta' dan il-Gvern.

Iżda s-suċċess ekonomiku, għandu n-naħa l-oħra tal-munita. It-tkabbir ekonomiku, iġib miegħu sfidi ġodda; sfidi li jwasslu għal stress.

U hawn jiġi f'moħħi l-eżempju ta' meta karozza tinstaq b'ċerta veloċità. Is-sewwieq, f'din is-sitwazzjoni, irid joqgħod aktar attent minn qatt qabel biex ikompli jsuq il-karozza b'din il-veloċità.

Dan l-eżempju japplika għal kull qasam tal-attività ekonomika. Jekk nieħdu t-turiżmu, waħda mir-raġunijiet li dan il-Gvern kien ħoloq l-iskema fejn kull turist jikkontribwixxi xi ħaġa żgħira, dik ta' ħamsin ċenteżmu ta' kull lejl li jqatta' ġewwa pajjiżna, kienet proprju biex din il-kontribuzzjoni, tmur ġo fond apposta li jmur għall-investivment u manutenzjoni taż-żoni turistiċi biex jissebbaħ l-ambjent u biex l-infrastruttura li tkun inbniet ma tiddeterjorax.

L-istess jgħodd meta nitkellmu fuq il-ħaddiema barranin. Illum kulħadd qed jifhem li jekk irridu li nkomplu b'dan it-tkabbir ekonomiku, hemm bżonn ta' iktar ħaddiema.

Barra minn hekk, Malta qed tesperjenza dak li ġara f'pajjiżi li żviluppaw qabilna fejn ikun hemm ċerti xogħlijiet li l-persuni ta' dak il-pajjiż, ma jibqgħux ikunu jridu li jagħmluh. Għandek ukoll is-sitwazzjoni, fejn minħabba li l-livell tal-ħajja jibda jogħla, individwi jkunu jridu jkollhom aktar ħin li jqattgħu mal-familja, u għalhekk, ma jkunux lesti li jaħdmu f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata jew fil-Ħdud u Festi Pubbliċi.

U għal darb'oħra, is-soluzzjoni tkun li wieħed jirrikorri għal ħaddiema li huma disposti li jagħmluh.

Iżda jibqa' stat ta' fatt li dan in-numru ta' ħaddiema barranin, iridu fejn joqogħdu u allura hemm bżonn li jikru post.

Irrid insemmi wkoll li fejn jidħol it-turiżmu, bin-numru kbir ta' turisti li qed iżuru lil pajjiżna, wasalna f'sitwazzjoni, fejn qed jintużaw appartamenti privati biex it-turisti joqogħdu fihom. Dan ġara għax is-sodod ta' akkomodazzjoni kollettiva (jiġifieri sodod fil-lukandi) ma tlaħħaqx mad-domanda qawwija.

Imma, anki f'dan il-qasam, l-istatistika qed turina li qegħdin nindirizzaw din il-problema. Qed jiġi indikat li s-settur tal-kostruzzjoni qiegħed jirrispondi għad-domanda u qed ikun hemm aktar investiment f'bini li għandu jwassal li fil-futur ikun hawn biżżejjed appartamenti li jissodisfa id-domanda.

Iżda l-Gvern mhux qed jistenna li l-problema tirrisolvi ruħha waħedha u ma jagħmel xejn. Il-*white paper* fuq il-qasam tal-kiri tad-djar, li dalwaqt tiġi ppubblikata, se tkun qed toffri u tressaq proposti fuq kif għandha tittaffa l-problema tal-kiri tad-djar.

Fenomeni oħra li jġib miegħu tkabbir ekonomiku bħalma pajjiżna qiegħed jesperjenza, huma ż-żieda fl-iskart iġġenerat u l-effett fuq l-ambjent minħabba l-użu ta' aktar karozzi, fost l-oħrajn.

Poplu li jkun wasal f'dan il-livell ta' għajxien, il-prijorità tiegħu ddur fuq il-kwalità. Individwu ikun irid kwalità aħjar ta' ħajja; titjib fil-kwalità tal-ambjent fejn jgħix; standards ogħla fis-saħħa; fl-edukazzjoni ta' wliedu. Din hija r-realtà li pajjiżna qiegħed jesperjenza.

Filwaqt li dawn ir-realtajiet ġodda se jkunu qed jiġu indirizzati, huwa ferm importanti li t-tkabbir ekonomiku jibqa' għaddej b'ritmu għoli għaliex jekk ma jibqax jinħoloq il-ġid, ma jkunx hemm il-fondi neċessarji biex jiġu investiti f'oqsma li se jtejbu l-kwalità tal-ħajja tagħha stess.

L-iskop tal-laqgħa li kelli mas-sieħba soċjali u l-laqgħat ta' konsultazzjoni pubbliċi li se nagħmel fil-ġimgħat li ġejjin, se jkunu qed iservu biex nisma' l-veduti ta' firxa wiesgħa ta' individwi ħalli nasal biex niffinalizza l-baġit għas-sena d-dieħla; baġit li se nkun qed nippreżentah fit-22 ta'Ottubru.